MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 273/2008/1

**John Pace**

**v.**

**Vanessa Pace**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur fit-23 ta' Gunju, 2008 li jaqra hekk:
"(1) Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju 1996;

“(2) Illi qabel ic-celebrazzjoni taz-zwieg, il-partijiet kienu qeghdin jikkoabitaw u kienu soggetti ghal pressjoni morali tal-genituri tal-esponent sabiex jizzewgu; inoltre, l-intimata kellha tifel minn relazzjoni precedenti u l-partijiet ftehmu li jizzewgu sabiex ir-rikorrent ikun jista’ jaddotta lil iben l-intimata, kif huwa fil-fatt ghamel;

“(3) Illi r-rikorrent hass obbligu morali li jizzewweg lill-intimata ghas-segwenti ragunijiet:

“(i) sabiex ikun jista’ jaghti kunjomu lil iben ir-rikorrenti u jaghtih *father figure*;
“(ii) sabiex jassumi r-responsabbilta’ li jmantni u jsostni lill-intimata u lil binha; u
“(iii) sabiex ma jibqax jghix fi stat ta’ koabitazzjoni mhux mizzewga, liema fatt kien qieghed jaghti skandlu lill-mama` tieghu;

”U ghalhekk il-kunsens tal-partijiet jew ta’ min minnhom kien marbut ma’ kundizzjoni riferibbli ghall-futur;

“4. Illi inoltre, il-kunsens taz-zewg partijiet jew ta’ min minnhom, kien ivvizzjat minn nuqqas ta’ konsapevolezza dwar il-kwalitajiet rispettivi tal-partijiet, minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u minn nuqqas ta’ setghat ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

“5. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, iz-zwieg tal-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

“6. Illi r-rikorrent jiddikjara li jaf personalment bil-fatti kollha hawn dikjarati;

“Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

“i. Tannulla, thassar u tirrexxindi u tiddikjara null u invalidu fil-ligi z-zwieg tal-partijiet ghar-ragunijiet elenkati fis-subincizi (c), (d), (g), u (h) tas-subartikolu (1) tal-

artikolu 19 tal-Att 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghar-ragunijiet elenkati f'wiehed jew iktar mill-istess sibincizi tal-istess artikolu tal-ligi; u

"ii. Tordna li jigu ezegwiti l-formalitajiet mehtiega konsegwenzjalment ghad-dikjarazzjonijiet moghtija ghat-thassir u annullament taz-zwieg imsemmi.

"Il-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta tal-24 ta' Lulju 2008 (fol. 18) li in forza taghha eccepiet illi
"1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u dan hekk kif ser jirrizulta mill-provi dwar l-agir tal-kontendenti kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg;

"2. Illi l-eccipjenti ma taqbilx li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien b'xi mod marbut ma' kundizzjoni riferibbli ghall-futur kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u lanqas ma taqbel li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

"3. L-eccipjenti ssostni li kien il-kunsens tal-partijiet li kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, u dan kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u dan a tenur tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"5. Illi kien l-attur zewgha li ma kienx kapaci johloq kunsens ghaz-zwieg ghar-ragunijiet ikkontemplati fl-Artikolu 19(1)(h) u mhux l-eccipjenti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjez.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-28 ta’ Ottubru, 2009, li in forza taghha cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**L-Azzjoni**

"Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-28 ta’ Gunju 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-artikoli precitati.

"Min-naha taghha l-konvenuta taqbel mat-talba attrici, izda ghar-ragunijiet kontemplati fil-paragrafi [d] u [f] ezistenti fil-konfront taz-zewg partijiet, kif ukoll ghar-raguni kontemplata fil-paragrafu [h] ezistenti biss fil-konfront tal-attur.

"**Il-Fatti**

"Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet kienu zzewgu fit-28 ta’ Gunju 1996 meta allura l-attur kellu 31 sena u l-konvenuta kellha 25 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sentejn. Matul l-ahhar sena qabel iz-zwieg, l-attur kien ikkoabitaw mal-konvenuta, li kienet single mother, flimkien mat-tifel taghha li f’dak iz-zmien kellu erba’ snin. Wara xahar miz-zwieg l-attrici kienet harget tqila mill-attur, u fil-25 ta’ Marzu 1997 twieled it-tifel komuni taghhom. Fil-frattemp l-attur addotta lit-tifel tal-konvenuta.

"Wara tlett snin u nofs ta’ konvivenza matrimonjali il-partijet isseparaw, u fit-3 ta’ Frar 2000 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali. Fil-prezent iz-zewg partijet ghandhom relazzjoni extra matrimonjali.

"*Verzjoni Attur*

"Illi l-attur jispjega li hu kien iltaqa' mal-konvenuta fis-sena 1994, u eventwalment bdew johorgu flimikien. Wara ftit, l-attur telaq mid-dar ta' ommu fejn kien jghix, u mar jikkoabita mal-konvenuta u t-tifel taghha li dak iz-zmien kellu erba' snin. L-attur kien kuntent bir-relazzjoni li kellu ma' dan it-tifel, u wkoll kien ihobb lill-konvenuta, u ghalhekk kien ippropona li jizzewgu u jghixu bhala familja. Huwa minn rajh ippropona wkoll li jaddotta bhala ibnu lit-tifel tal-konvenuta.

"Rigward id-decizjoni tieghu li jizzewweg lill-konvenuta u jaddotta lit-tifel taghha, l-attur jispjega li huwa kien ha din id-decizjoni ghax "hassejt il-bzonn li niehdu dan il-pass biex nirregolarizza s-sitwazzjoni tat-tlieta li ahna, u Vanessa nkoraggietni hafna biex nizzewgu u naddottaw li[t-tifel taghha]"[1] Jghid ukoll li kien ha l-pass taz-zwieg peress li kien qed ihossu skomdu fir-relazzjoni tieghu ma' ommu li hija "mara tradizzjonali hafna"[2] u kienet tidher li ma kinitx kuntenta li binha qed jghix fi stat ta' konkubinagg, izda din "qatt ma ghamlet pressjoni fuqi biex nizzewweg."[3]

"Jghid "jiena zzewwigt taht pressjoni minni nnifsi, jigifieri ghax inhossni responsabbli hafna." Jghid li, filwaqt li l-konvenuta, allura gharusa tieghu, kienet kuntenta fl-istat ta' konkubinagg li kienu qed jghixu fih, "jiena kont qed ihossni naqra skomdu ..[u] hsibt li [biz-zwieg] tissolvi kollox."[4]

"L-attur jghid li l-ewwel sena u nofs taz-zwieg huma kienu kuntenti. Fil-24 ta' Marzu 1997 twieled it-tifel taghhom. "Sa dan iz-zmien konna kuntenti bhala koppja, imma beda dejjem johrog iktar il-karattru argumentattiv ta' Vanessa."[5]

"L-attur jilmenta mill-karattur dominanti tal-konvenuta li kienet tinsisti li jsir dak li trid hi ghax altrimenti tillitiga; u,

---

[1] Aff. fol.21 *et seq.*
[2] Dep. fol.39 *et seq.*
[3] Aff. Ibid.
[4] Dep. Ibid.
[5] Aff. Ibid.

ghalkemm huwa kien jaf minn qabel iz-zwieg b'dan il-karattur taghha, jghid li wara z-zwieg hija saret "aktar confrontational"[6] u kienet tiggieled ma' kulhadd. Dan kien jikkuntrasta hafna mal-karattru akkomodanti tal-attur li jiddeskrivi lilu nnifsu bhala persuna li jevita l-konfront. Skond l-attur, kien dan il-karattru 'gellied' ta' martu li wassal sabiex jirrendi nsapportabbli l-konvivenza matrimonjali, u kien ghalhekk li eventwalment bdew jibirdu minn xulxin, u waslu ghas-separazzjoni.

"*Verzjoni Konvenuta*

"Illi din tispjega li qabel ma ltaqet ma' l-attur hija kellha esperjenza trawmatika rizultat ta' relazzjoni li kellha ma' ragel iehor li minnu kellha tifel. Tghid li f'dak iz-zmien hasset li "I was in a big black hole, and I thought I will never get out of it."[7] Konsegwentement hija kienet bdiet tevita "going for the kind of people I would normally like, and I thought John was a safe choice." B'hekk bdiet ir-relazzjoni taghha ma' l-attur, liema relazzjoni ffjorat b'mod li l-partijiiet iddecidew li jizzewgu, l-attur iddecieda li jaddotta lit-tifel taghha, u disa' xhur wara z-zwieg kellhom tifel bejniethom.

"Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li, sa minn qabel iz-zwieg, kien jidher li l-attur kellu problema ta' komunikazzjoni. Tghid li wara z-zwieg "There was always this communication problem, because I always used to try and encourage John to assert himself, and it was hard to talk with him."[8] B'dana kollu tghid li "... in the very beginning [of married life] when [their child] was born, we were quite happy, but then things starting drifting apart."[9]

"Il-konvenuta tikkonferma li kienet l-idea tal-attur li jaddotta lit-tifel taghha. Fi kliemha "it was definitely John's idea".

[6] Dep.Ibid.
[7] Dep. fol.76 *et seq.*
[8] Ibid.
[9] Ibid.

"*Xhieda Psikoterapista*[10]

"Illi dan ix-xhud, li gie prodott mill-attur, jghid li l-attur kien gie ghandu fis-sena 2008, u osserva li dan kellu problemi ta' "ego function". Huwa ddeskriva lill-attur bhala bniedem li jipprova jevita l-konflitti; u jghid li l-attur "hass guilt biex ried jiehu hsieb ommu, jigifieri qisu ha r-responsabbilita`..... allura hareg li jhossu hafna responsabbli ghal ommu li ried jiehu hsiebha, u at the same time kellu konflitt ghax ommu kienet tradizzjonali hafna." Jghid li l-attur "dejjem qisu qala' l-plug tal-emozzjoni tieghu, u jahseb f'haddiehor ... beda jhossu responsabbli ghal kulhadd, allura mar fuq il-logika ... u mohhu dejjem jahseb x'inhu l-ahjar logikament ghal kulhadd, u spicca izzewweg. Jigifieri dan huwa l-mekkanizmu li bih dahal fiz-zwieg."

"Fuq mistoqsija, hekk meta l-attur ha d-decizjoni li jizzewweg, mohhu kienx orjentat biex jaf, x'jaghraf x'inhuma l-obbligi tieghu, ix-xhud rrisponda li "Ma kienx ihares lejhom l-obbligi tieghu." Jikkonferma li l-attur kien ibbondja hafna mat-tifel tal-konvenuta, u ghalhekk kien hassu hafna responsabbli ghalih, b'hekk wasal ghad-decizjoni li jaddottah.

"**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

"*Qerq*

"Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-rikors promotur l-attur jindika, fost ohrjan, il-paragrafu [c] bhala wiehed mir-ragunijiet tat-talba tieghu, ma hemmx indikati fatti in sostenn ta' din il-bazi legali.

"Fit-tieni lok, mill-provi akkwiziti, din il-bazi tirrizulta manifestament infondata, stante li, filwaqt li l-attur ipoggi l-karattru u l-komportament ta' martu bhala l-kawza principali ghat-tkissier taz-zwieg, mill-provi jirrizulta car, u ex admissis, li huwa kien konsapevoli tal-karattru ta' martu sa minn qabel iz-zwieg, liema fatt hu seta' jwieznu aktar

---

[10] Dep. fol.69 *et seq.*

tenut kont li qabel iz-zwieg dawn damu circa sena jikkoabitaw flimkien bhala familja.

"Ferm il-premess, il-Qorti ma tirraviza ebda qerq da parti tal-konvenuta, kif ma tirravviza ebda qerq da parti tal-attur, stante li l-partijiet kienu jafu lil xulxin sewwa qabel iz-zwieg.

"*Kundizzjoni riferibbli ghall-futur*

"In propozitu l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-kunsens ta' xi parti kien marbut xi kundizzjoni. Il-provi juru bic-car li l-attur izzewweg lill-konvenuta ghax kien ihobbha, u wkoll kellu relazzjoni tajba ma' binha. Ma kien hemm ebda kondizzjoni imposta, izda kien hemm biss sentiment ta' imhabba u affezzjoni da parti tal-attur li wassal biex jizzewweg lill-konvenuta u wkoll jaddotta lil binha.

"Rigward l-allegazzjoni li l-istat ta' konkubinagg li kienu qed jghixu fih il-partijiet "kien qieghed jaghti skandu lill-mama` tieghu."11 il-Qorti ma tarax kif dan jinkwadra fil-*caput nullitatis* in dizamina.

"*Diskrezzjoni ta' gudizzju*

"Illi l-unika kawzali promossa mill-attur, li taqbel maghha l-konvenuta li minn naha tghid li kienet tezisti fil-konfront taz-zewg partijiet, hija dik kontemplata fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat, li jikkontempla, bhala wahda mill-*capita nullitatis*, il-kaz fejn il-kunsens matrimonjali jkun vizzjat minhabba nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

"In propozitu, jinsab ritenut fil-gurisprudenza nostrana li jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, ossia "gravi", minn dik il-fakolta` kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar

[11] Rikors promotur

l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhux semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju]. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jgharaf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.

"Illi fil-kaz in dizamina ma jirrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ma kellhomx certu dixxerniment tad-drittijiet u l-obbligi tal-hajja konjugali; u, anke jekk, dato non concesso, l-attur, meta ha d-decizjoni li jizzewweg, ma hasibx fuq l-obbligi tieghu kif josserva l-psikoterapista, ma jirrizultax li dan ma kienx jaf x'inhuma l-obbligi matrimonjali; anzi l-provi juru l-kuntrarju. Iz-zewg partijiet kienu ghexu flimkien, bhala familja, ghal xi xhur qabel iz-zwieg, u kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu kuntenti b'xulxin, u tant kien kuntent l-attur jghix mal-konvenuta u binha li, minn rajh kien ipproponilha li jizzewgu, u anke jaddotta lit-tifel taghha.

"Il-Qorti hija konvinta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom il-partijiet kienu ferhanin, riedu jizzewgu biex jkomplu jghixu flimkien u jibnu familja, u kellhom l-volonta` libera li jaghmlu hekk ; tant, li mill-bidu taz-zwieg huma kienu jhallu l-att taz-zwieg miftuh ghat-

tfal, bir-rizultat li wara xahar il-konvenuta kienet harget tqila. L-attur stess jghid li sa l-ewwel sena u nofs huma kienu “kuntenti bhala koppja”.

"Ferm il-premess il-Qorti hija tal-fehma li z-zewg partijiet izzewgu bil-konsapevolezza shiha tad-drittijiet u obbligi matrimonjali f’unjoni bazata fuq il-konvivenza matrimonjali, il-prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal. Tant il-partijiet riedu jghixu fi stat ta’ hajja konjugali u bhala familja wahda li l-attur ha d-decizjoni, bil-kunsens tal-konvenuta, li jaddotta lit-tifel taghha.

"Illi l-fatt li sussegwentement il-konvivenza matrimonjali bejniethom bdiet tixxaqqaq u tkissret allegatament minnhabba konflitt ta’ karattri, dan jista’ jghati lok ghall-fatti li jwasslu ghas-separazzjoni personali bejniethom, izda ma jissodisfax l-estremi li jwasslu ghall-annullament taz-zwieg.

"Illi rigward ir-ragunijiet moghtija mill-attur li wassluh ghad-decizjoni li jzzewweg lill-konvenuta, il-Qorti tikkunsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiiet :

"[1] Illi l-attur jghid li hu z-zewweg ghax hass r-responsabbilita` lejn il-konvenuta, li kien qed jghix maghha, u lejn binha. Dato non concesso li dan kien l-uniku motiv li wasslu biex jiehu d-decizjoni, il-Qorti tosserva li b’daqshekk ma jfissirx li huwa ma kellux l-liberta’ tal-ghazla. Il-provi juru li hu kien qieghed f’sitwazzjoni li kien kuntent biha, kien ihobb lill-konvenuta u lil binha, u ghalhekk kien hass li kellu jiehu d-decizjoni li jizzewwigha. Kien pienament liberu f’din id-decizjoni, tant li, skond ix-xhieda tieghu, il-konvenuta ma kinitx tilmenta mill-fatt li huma kienu qed jghixu fi stat ta’ konkubinagg u li l-idea, kemm taz-zwieg, kif ukoll tal-adozzjoni ta’ binha, originaw f’mohh l-attur.

"[2] Illi t-tieni osservazzjoni tikkoncerna l-allegazzjoni pwerili maghmula mill-attur li dan kien izzewweg biex ma jaghtix “skandlu” lil ommu u biex ma jkomplix jaghtiha dispjacir li tara lil bina jghix barra z-zwieg ma’ mara ohra.

"In propozitu l-Qorti hija konvinta li d-decizjoni tal-attur li jizzewweg lill-konvenuta ma kellha x'taqsam xejn mas-sentimenti tieghu fil-konfront tal-mama` tieghu li minn naha taghha "Ma kinitx tghidli biex nizzewweg, pero` kont hassejt illi jekk nizzewweg speci ahjar."[12] Altru milli "pressjoni morali tal-genituri" tieghu kif sottomess minnu fir-rikors promotur!

"Id-domanda li timponi ruhha f'dan ir-rigward, hija din: jekk f'dak iz-zmien l-attur kien hass li qed jaghti skandlu lil ommu meta kien qed jghix barra z-zwieg ma' mara ohra, allura llum, ma hassx l-istess sentiment meta, filwaqt li ommu ghadha hajja[13], huwa qed jighix ma' mara ohra, u per di piu` fi stat ta' adulterju? Ukoll, illum m'ghadux ihoss dik is-sens ta' responsabbilita` qawwi lejn il-konvenuta u lejn iz-zewg uliedu?

"[3] Illi l-ahhar osservazzjoni tirrigwarda l-kontenut tax-xiehda tal-psikoterapista li in sostanza d-deskriva lill-attur bhala persuna li jipprova jevita l-konflitti, u li kien izjed jahseb x'inhu tajjeb ghall-haddiehor milli ghalih, u ghalhekk, donnu ried jghati l-impressjoni li l-attur ma kienx liberu meta ddecieda li jizzewweg.

"Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-ezami kliniku sar fis-sena 2008 circa tnax [12]-il sena wara z-zwieg, u tmien snin wara li l-partijiet kienu ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni personali, u meta l-attur qed jghix ma' mara ohra. Fit-tieni lok, tosserva li l-fatt li l-attur huwa bniedem sensittiv ghall-bzonnijiet ta' haddiehor, u jpoggi l-interessi ta' haddiehor qabel tieghu, u di piu` huwa bniedem kwiet li jipprova jevita l-konfronti, ma jwassalx necessarjament ghall-fatt li d-decizjoni tieghu ma kinitx wahda libera. Kif fuq spjegat minn din il-Qorti huwa ha din id-decizjoni ghax kien ihobb lill-konvenuta u lil binha u ried jghix maghhom bhala familja u jikabbar il-familja.

"Hija opportuna l-osservazzjoni li kwalitijiet bhal dawn, fuq deskritti, fin-normalita` tal-affarijiet, jikkontribwixxu

[12] Dep.Ibid.
[13] Fol.50

sostanzjalment ghas-success tar-relazzjonijiet u ta’ zwigijiet, u mhux jitqieghdu bhala bazi ghall-annullament.

"Illi rigward l-ilment tal-konvenuta li kien hemm nuqqas ta’ komunikazzjoni bejniethom minhabba l-karattru tal-attur, il-Qorti tosserva, fl-ewwel lok li hija kienet taf x’inhu l-karattru tal-attur sa minn qabel iz-zwieg, u fit-tieni lok, anke jekk dan hu minnu, dan ma kienx ta’ dik il-gravita` li jwassal biex jirrendi lill-attur inkapaci li jassumi l-obbligi konjugali tieghu; tant, li ghall-ewwel sena u nofs taz-zwieg, il-partijiet ghexu kuntenti bit-tarbija gdida taghhom.

"Illi l-premessi konsiderazzjonijiet fattwali jeliminaw il-bazi legali tas-simulazzjoni promossa mill-konvenuta fir-risposta guramentata taghha, kif ukoll li xi hadd mill-partijiet ma kellux is-setgha jew rieda bizzejjed biex johloq il-kunsens ghaz-zwieg.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova r-ragunijiet tal-ewwel talba tieghu, u ghalhekk din ma tistax tigi miluqgha."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur tas-17 ta’ Nnovembru 2009, li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrexxindi s-sentenza moghtija nhar it-28 ta’ Ottubru 2009 mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja fl-ismijiet **John Pace v. Vanessa Pace** (Rikors Guramentat Numru 273/008 NC), u dan billi tilqa’ t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimata, safejn dawn jopponu ghall-premessi attrici biss, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimata jew bejn il-partijiet fil-proporzjonijiet rizultanti mir-responsabbilitajiet rispettivi taghhom.

Rat ir-risposta u l-appell incidentali mressqa mill-konvenuta fit-12 ta’ April 2010 li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha tannulla, thassar u tirrexxindi l-istess sentenza u konsegwentement tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet kien null u invalidu fil-ligi u dan billi tilqa’ t-talbiet tal-attur limitatament fejn dawn jikkoncernaw l-*caput nullitatis* (d) u/jew (h) tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255, kif ukoll tilqa’ l-

eccezzjonijiet tal-konvenuta innumerati 1, 2, 3 u 5, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta’ Mejju 2010;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ta’ annullament taz-zwieg bejn il-partijiet li zzewwgu fit-28 ta’ Gunju, 1996. Qabel ma zzewwgu, il-konvenuta kellha tifel minn relazzjoni precedenti, u l-partijiet kienu anke ghamlu zmien jikkoabitaw. Xahar fuq iz-zwieg, il-konvenuta harget tqila mill-attur, u fil-25 ta’ Marzu, 1997, twieled it-tifel komuni taghhom. L-attur jghid li z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null minhabba (i) qerq fl-ghoti tal-kunsens; (ii) difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju; (iii) kunsens kondizzjonat ghall-futur, u (iv) nuqqas ta’ setgha intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens (Artikolu 19(1)(c)(d)(g) u (h) tal-Att dwar iz-Zwieg, Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta). Il-konvenuta tallega li z-zwieg kien null ghax simulat (Artikolu 19(1)(f)), <u>pero` ma ressqet ebda kontro-talba biex titlob stharrig ta’ din is-sottomissjoni taghha</u>, u din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax tiehu konsiderazzjoni tal-istess – apparti l-fatt tal-kontradizzjoni bejn dan is-subinciz u dak kontemplat fl-Artikolu 19(1)(d) – nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – li l-konvenuta tinvoka <u>wkoll</u> bhala raguni ghat-thassir taz-zwieg!

L-ewwel Qorti semghet il-provi li ressqu l-partijiet u sabet li attur ma rnexxielu jipprova ebda raguni mressqa minnu bhala kawzali ghall-annullament. Il-partijiet appellaw it-tnejn, l-attur b’mod principali u l-konvenuta b’mod incidentali, fejn talbu li jigi dikjarat li fil-fatt, hemm ragunijiet ghat-thassir taz-zwieg. Ghall kull buon fini, din il-Qorti trid tirrimarka li ghandha dubju dwar il-validita` tal-appell incidentali tal-konvenuta, ghax la darba l-attur appella mis-sentenza <u>kollha</u>, u mhux minn xi kap jew aktar tal-istess, ma tarax kif setghet jew ghalxiex il-konvenuta ressqet <u>appell incidentali</u>, li suppost jitratta dawk il-kapi

mis-sentenza mhux milquta bl-appell principali. Il-Qorti, pero`, sejra tittratta l-aggravji tal-partijiet fil-kuntest tad-decizjoni tal-ewwel Qorti.

Ghar-rigward tal-allegat qerq, l-attur jghid li l-konvenuta "hbietlu" c-cirkostanza li hi ghandha natura ossia karattru konfrontazzjonali. Dwar dan, pero`, ma hemmx prova. L-attur jaghmel din l-istqarrija u jqisha bhala fatt, pero`, ma ressaq ebda prova ta' incidenti li jippruvaw dan il-karattru. Ovvjament, la l-attur qed jibbaza ruhu fuq karattru konfrontazzjonali ta' martu, mhux bizzejjed li jindika xi incident jew tnejn fejn martu kkonfrontatu, imma irid juri abitudini ta' konfrontazzjoni u, aktar, li dak il-karattru ifixkel serjament il-hajja mizzewwga. F'dan il-kaz, il-partijiet ghamlu kwazi sena jikkoabitaw qabel ma zzewwgu, u kieku kien hemm xi haga straordinarja fil-karattru tal-konvenuta, l-attur kien zgur jinduna biha u jew jiddeciedi li jizzewweg xorta wahda (f'liema kaz, wiehed ma jistax jitkellem aktar fuq "qerq") jew li ma jizzewwigx.

Kwindi, din il-kawzali ma tirrizultax.

Ghar-rigward tal-kawzali bazat fuq kunsens kondizzjonat, l-attur jghid li l-konvenuta izzewgitu bil-kundizzjoni li jadotta lit-tifel li hi kellha minn relazzjoni precedenti. Dan, pero`, ma jirrizultax. L-attur kien jaf li l-konvenuta kellha dan il-wild, u tul iz-zmien li ghamlu flimkien, wasal li beda jhobb lil dan it-tifel u jittrattah qisu ibnu. Huma t-tnejn ftehmu li wara z-zwieg jibdew il-proceduri ghall-adozzjoni ta' dan il-wild, u dan qiesuh bhala pass naturali li kellu jsir, u fil-fatt sar, wara z-zwieg. Hadd ma rabat lil hadd b'xi kundizzjoni li tirrelata ghall-futur, izda l-adozzjoni kienet ghazla li ghamlu z-zewg partijiet b'mod miftuh u flimkien. Kwindi, anke din il-kawzali, u kull aggravju marbut maghha, ma jirrizultawx.

L-attur jghid li hu ma kellux il-kapacitajiet intelletwali mehtiega jew rieda bizzejjed biex johloq rabta fiz-zwieg, u l-ezercizzju ta' diskrezzjoni tieghu li jaghzel li jizzewweg kien difettuz minhabba ragunijiet psikici. L-attur jghid li dan kien rizultat tal-fatt li hu jbati minn kundizzjoni li ggeghlu jhenn ghal dak li jkun u li jidhol ghal certi

obbligazzjonijiet minghajr ma jqis sewwa l-piz li jkun se jitghabba bih. Hu ressaq bhala xhud psikoterapista li xehed li l-attur ibati minn "ego function" ghax ifittex l-interess ta' haddiehor minghajr ma jikkunsidra s-sitwazzjoni tieghu. Dan ix-xhud *ex parte* qal li l-attur kien qisu "a walking time bomb" ghax kien jinkwieta hafna fuq il-problemi ta' haddiehor, u sabiex ma "jispolodix" huwa kien "qala' l-plug tal-emozzjoni tieghu".

Apparti dawn l-espressjonijiet ta' dan il-psikoterapista, fl-atti ma hemmx provi li juru din il-kundizzjoni tal-attur. F'kaz ta' kundizzjoni mentali, iridu jigu ndikati fatti jew cirkostanzi li jimmanifestaw dik il-kundizzjoni, u mhux bizzejjed "djanjosi" ta' persuna prodotta bhala xhud *ex parte*. F'dan il-kaz, intqal li l-attur kien "ta' eta` tenera" meta miet missieru, u bhala l-izghar fost hutu (!), hass li kellu jassumi certu responsabbilitajiet lejn ommu. B'daqshekk, pero`, ma jfissirx li sar inkapaci jevalwa u jqis dak li toffri l-hajja. Hu stess qal li, wara li beda r-relazzjoni mal-konvenuta, beda joghogbu dak l-istil ta' hajja, u kien hu li ppropona li jizzewwgu halli jghixu "bhala familja". Il-konvenuta, fi kliem l-attur, "qatt ma ghamlet pressjoni fuqi biex nizzewweg", u ha dak il-pass minn rajh ghax kien jghid li ried jghix f'familja; kien hu wkoll li ppropona li jaddotta lit-tifel tal-konvenuta. Jista' jkun li l-attur hu kwiet di natura u jhobb jghin lil haddiehor, pero`, dan ma jfissirx li ma kellux kapacita` mentali li jifhem il-konsegwenzi tal-pass li kien se jiehu. Anzi hu apprezza sew xi tfisser li tkun mizzewweg bit-tfal, ghax ra dak il-pass bhala necessarju ghall-holqien ta' familja.

Il-fatt li l-attur ma kienx "qed ihares" lejn l-obbligazzjonijiet li jitnisslu miz-zwieg, ma jfissirx la li ma kienx kapaci jhares lejhom u lanqas li kien affett b'xi "difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju". Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Farrugia v. Farrugia** deciza fit-28 ta' Lulju, 1987:
"Il-Qorti m'ghandhiex facilment targumenta li n-nuqqas tal-kontrolli personali li del resto jiddependu mill-volonta` hielsa tal-individwu, jammontaw ghal xi difett jew nuqqas psikologiku, altrimenti kollox jigi subordinat ghall-elementi soggettivi u mhux oggettivi tal-incidenti *de quo* u jinfetah bahar ta' riservazzjoni mentali minghajr limiti."

Barra minn dan, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Tonna v. Tonna**, deciza fil-31 ta' Jannar 1996,
"biex jista' jinghad li jkun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255, irid jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita` affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx semplicement nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba. Kif jispjega l-Professur Diego de Caro tal-Universita` ta' Ruma:

"*L'immaturita` affettiva qui accennata consiste nella non raggiunta maturazione dell'affettivita` nell`adolescenza, "periodo di transizione tra la fase di dipendenza infantile e quella di auto-sufficienza di responsabbilita` dell`adulto". Sono principalmente considerati nell` affettivita` gli istinti, i sentimenti e le emozioni.*" (De Caro, D., L'immaturita` Psico-Affettiva nel Matrimonio Canonico in Bonnett, P.A. – Gullo, della L'Immaturita` Psico-Affettiva nella Gurisprudenza della Rota Romana, Libreria Editrice Vaticana (1990), p. 16);

U l-gurista Bersini jiddeskrivi hekk din l-immaturita`:

"*Secondo gli psichiatri, l'immaturita` affettiva si articola nei seguenti aspetti: dipendenza eccessiva nel confronti della madre e delle figure che la sostituiscono; in relazione a tale dipendenza, una incapacita` di tollerare le frustrazioni, che, qualora si verifichino, danno luogo a manifestazioni depressive caratteristiche; scarso controllo emotivo con iperespressivita` dei fenomeni affettivi, che sempre sono eccessivamente esuberanti, a carattere infantile (crisi di collera, di lacrime, ecc.); egocentrismo; assenza abituale di ogni ansieta`, che contrasta con la gravita` apparente dei sintomi: il sintomo sembra restare*

*separato dalla personalita`"* (Bersini, F., Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino), 1994, p. 97);

"Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, mhux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Janet Portelli v. Victor Portelli** (Prim Awla, 14 ta' Awwissu, 1994):

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia)from all force from within;"*

(Ara wkoll f'dan is-sens, Pompedda, M.F., Studi di Diritto Matrimoniale Canonico, Giuffre` (Milano), 1993, p. 56)"

Issa, f'dan il-kaz, forsi kien hemm nuqqas ta' hsieb jew ta' riflessjoni, pero`, ma kienx hemm "inkapacita` psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti" fuq il-hajja taz-zwieg. L-attur kien bniedem tal-affari tieghu, matur u jrid jaghqqad familja fis-sens tradizzjonali tal-kelma. Hu

bniedem li kien jahseb fuq il-futur, u ghax hekk seta' jaghmel, ghazel minn jeddu biex jizzewweg. L-attur, kif jghid hu stess, assuma minn jeddu "father figure" lejn it-tifel tal-konvenuta, u fehem r-rwol tieghu fil-familja li ried johloq fiz-zwieg; il-partijiet anke xtraw post flimkien bil-hsieb li jghixu fih bhala familja.

Kwindi, ma jistax jinghad li l-attur irnexxielu jipprova l-allegazzjonijiet tieghu bazati fuq il-paragrafi (d) u (h) tal-Artikolu 19(1) tal-Att taz-Zwieg, u bhal l-ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tarax li dan iz-zwieg li sehh bejn il-partijiet kien aflitt bil-vizzji invokati mill-attur, jew minn xi wiehed minnhom.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attur u l-appell incidentali tal-konvenuta, billi tichadhom it-tnejn u tikkonferma *in toto* is-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------